# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

14 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 50

50.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 50 – 9;
50.3 Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita;
50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
50.6 Komunikazzjoni;
50.7 Evalwazzjoni w Aġġudikazzjoni ta’ Offerti SNTLC01/2023, SNTLC02/2023, SNTLC 03/2023, SNTLC04/2023;
50.8 Attivitajiet marbuta ma’ l-Għid, Jum Sannat, Wine Festival;
50.9 Laqgħa Annwali Pubblika;
50.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
50.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 3/2023;
50.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 50.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

50.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Gauci infurmaħ permezz ta’ imejl li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta’ saħħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 48 – 9

50.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 49 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn kien hemm korrezzjoni biss f’paġna 6. Line 49.7.6, b’hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 50.3 Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita

50.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta’ riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

50.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li l-kuntrattur issa mexa lejn in-naħa tal-każini u saret it-trinka tal-main tas-sitta ta’ l-ilma u tkomplija tas-sistema tad-dranaġġ minn wara l-Knisja. Eventwalment x’ħin jitlestew dawn ix-xogħlijiet jibda t-tkissir ta’ l-art, jsir is-sodda tal-konkos u konsegwentement jibda jitpoġġa l-pavimentar, bil-materjal li għandu jasal għada 15 ta’ Marzu. Il-materjal ser jinżamm fl-għalqa tal-Knisja qrib il-Pjazza, wara sar ftehim mal-kuntrattur u l-Arċipriet. Il-‘light fittings’ ukoll waslu, pero dawn se jiġu mwaħħlin wara li jsir il-pavimentar biex jiġi evitat li dawn jintlew bit-trabijiet u ħmieġ bla bżonn minn dan il-proġett.

50.3.3 Ix-xogħlijiet marbuta mas-servizzi, waslu fl-aħħar fażi tagħhom. Is-Sindku kompla billi qal li jridu jsiru laqgħat flimkien mal-Perit nkarigat mal-grupp ta’ l-Armar u dak tan-Nar, biex waqt li qed isir il-pavimentar jindikaw postijiet fejn dawn iż-żewġ gruppi ikollhom bżonn biex jarmaw l-armar u l-bċejjeċ tan-nar ta’ l-art fi żmien il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiffissa din il-laqgħa mitluba.

50.3.4 Dwar it-tkomplija ta’ l-iskavar, il-Perit lesta l-*works method statement* li se jintbagħat lill-SCH, li minn naħa tagħhom se jagħtu d-direzzjoni kif se jitkompla x-xogħol.

50.3.5 Is-Sindku stqarr li x’ħin jitpoġġa l-pavimentar u jagħmlu l-‘grouting’ ma jkunux jistgħu jgħaddu vetturi minn fuqu, għax biex itella s-saħħa irid ta’ l-inqas xahar. Għalhekk irid isir traffic management plan biex ma jkunx hemm konġestjoni ta’ traffiku. Il-pavimentar se jsir parti parti ħalli jkun jista jgħaddi it-traffiku. Is-Sindku qal li fil-laqgħat li jsiru apposta fuq dan il-proġett il-kuntrattur qal li hu fiduċjuż li se jlesti parti mill-pavimentar qabel il-festa ta’ Santa Margerita, pero’ l-Kunsill huwa ftit xettiku li dan l-għan se jintlaħaq sa dak inhar. Il-Kuntrattur qal li l-bolavostri taż-żuntier se jkunu lesti u mwaħħlin sal-festa, pero l-kunsill irid

assiġurazzjoni li jitlesta fil-ħin għax inkella hu ssuġġeriet li jibda wara l-festa biex ikun evitat kull periklu possibli. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit inkarigat biex jgħati l-ispeċifikazzjonijiet u l-BOQ biex toħroġ offerta għall-għamara tal-pjazza u d-disinn tas-salib li se jkun hemm f'din il-Pjazza, li għandu jkun replika ta' dak l-oriġinal u magħmul mil-ġebla tal-qawwi.

50.3.6 Dwar l-isem Ta' Sannat fl-entratura tal-lokalita' sar sample ta' l-injam u ġie ppruvat fuq il-post. L-ittri se jkunu fin-nofs minħabba s-servizzi mgħoddija. Warajh se jitħawwlu s-sigar waħda bajda u l-oħra ħamra li se jinqalgħu mill-Pjazza, bis-siġra oħra li se jkun baqa' se titħawwel fis-*central strip*.

50.3.7 L-SCH urew ix-xewqa li l-ġibjun tal-ħnejjiet dak ta taħt iż-żuntier jitnaddaf fis-sajf, biex it-turba tkun niexfa u hekk ikunu jistgħu jiddeterminaw l-perjodu u xi fdalijiet li jistgħu jinstabu. Il-Kunsillier Tewma staqsa għadx hemm il-ħsieb li jkun aċċessibli għal-pubbliku, is-Sindku jikkonferma li jekk ikun possibli se jkun aċċessibli. Sfida oħra se tkun is-sistema ta' ventilazzjoni li se jkollu dan il-ġibjun biex jiċċirkula l-arja interna.

50.3.8 Il-Gvern kien ħareġ 'Compensation Grant' relatata mal-Gwerra fl-Ukranja, marbutin ma tenders mitfuha bi prezz iktar baxx minn dawk preżenti minħabba l-effett tal-gwerra. Il-proġett tal-Pjazza ta' Sannat hu wiehed minn dawn il-proġetti li wieħed jista jibbenefika. Għalhekk il-Kuntrattur jixtieq japplika għal-kumpens mad-dipartiment tal-kuntratturi (DOC), li minn naħa tagħhom jevalvaw it-talba. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni.

50.3.9 Il-Kunsillier Tewma staqsa rigward il-wirings ta' Triq Cocco Palmeri li kienu tkellmu f'xi laqgħa preċedenti. Is-Sindku stqar li jridu jaraw jibqax fondi li huma allokati għal-proġett tal-Pjazza, jekk fil-każ jagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex.

50.3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Jannar 2023 għall-prezz ta' €1260.00
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Frar 2023 għall-prezz ta' €1260.00
Xerri's Landscaping Co Ltd. għax-xogħol ta' Uprooting and transplantation of Oleander Trees from Pjazza Santa Margerita. Għall-prezz ta' €22314.04
Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal ma qal fil-laqgħa preċedenti il-Kunsill applika għal fond mill-iskema 'Community Green Grant', skema ta' fond ta' għaxar miljun ewro li l-Gvern ħareġ riċentement. Kien hemm interess qawwi minn naħa tal-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat tefa' l-applikazzjoni tiegħu, liema applikazzjoni tinkludi tħawwil ta' siġar ġodda (l-perit issugerixxa l-Jacaranda), arbuxelli bil-fjuri u pjanti, ġibjun li jinkludi sistema ta' irrigazzjoni fuq pjan ta' għaxar snin fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Dan il-proġett hu maħsub li ssir ġiebja taħt il-funtana eżistenti biex jinġabar l-ilma minn Triq Xamgħan u l-akkwati tal-madwar biex dan l-ilma jintuża għall-irrigazzjoni tas-siġar u l-pjanti madwar il-monument u fil-pjazzetta nnifisha. Barra minn hekk saret applikazzjoni oħra għal belvedere fi Triq 28 ta' April 1688, fejn r-railing isiru kurduni biex tkun tista' tintefa l-ħamrija u konsegwentament jitħawlu siġar, arbuxelli, fjuri u pjanti b'sistema ta' irrigazzjoni biex jissaqqew skond il-ħtieġa. Hemm indikat li jsir ġibjun faċċata ta' Triq il-Blat biex jintuża

għat-tisqija. Hemm ukoll il-ħsieb ukoll li jinbidel il-pavimentar. L-Inġinier iddisinja ukoll sistema fotovoltajka fuq il-bejt tal-Kunsill, liema sistema tkun tista tiġġenera energija nadifa biex jitħaddmu l-pompi tal-ġibjun u d-dawl artifiċjali. Dan għandu jiġu nstallat monitor fejn jimmarka kemm energija solari nġabret permezz tal-pannelli solari u kemm qed jintuża biex jinxtegħlu l-bozoz tal-*belvedere* u l-pompi tal-ġibjun. Ovvjament intbagħtet ukoll l-istima ta' dan il-proġett. Il-kunsill irċieva rikonoxximent ta' l-applikazzjoni mitfuha.

50.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2023 saret laqgħa mall-Community Policing fejn ġew diskussi fost l-oħrajn is-siti ta' kostruzzjoni. Primarjament, il-Community Policing jaċċerta li l-permessi meħtieġa huma maħruġa u t-tindif ta' dawn is-siti ta' kostruzzjoni. Fil-fatt ġie rrapurtat li xi individwu rema xi trakk ħamrija u ċaq/żrar fi Triq Saguna, u minnufih l-Community Police Officer ħa l-prekawzzjoni meħtieġa. Il-Community Policing qed jitkellem mar-residenti Sannatin fuq is-sigurta fir-raħal, u jinkoragixxi lir-residenti biex jitkellmu jekk jaraw xi ħaġa jew nies suspettużi, speċjalment għal-fatt li fl-aħħar ġimgħat kien hawn ħafna prejokupazzjoni bl-ammont ta' serq irrapurtat. Qed isir ukoll aktar għarfien biex it-traffiku ikun aktar ikkontrollat u n-nies ikunu edukati aktar dwar il-ħarsien tal-liġijiet tat-traffiku. Is-Sindku faħħar ix-xogħol dedikat tal-Community Policing, fejn qed ikun ta' benefiċċju sħiħ għal-kommunita.

50.4.3 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li saru diversi komunikati ma' Transport Malta dwar road hump fi Triq ix-Xewkija minħabba s-sewqan eċċessiv minn din it-triq, Transport Malta oġġezzjonat għal din it-talba. Minflok, din l-awtorita' approvat li jsiru rumble strips u tabella ta' 30km/h sign. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nforma lill-MGOZ biex isiru dawn mill-aktar fis.

50.4.4 Is-Sindku qal li ġie approvat minn Transport Malta t-traffic management tal-pjazzetta ta' fejn il-Hotel ta' Ċenċ u għandhom jibdew jitfasslu fil-jiem li ġejjin.

50.4.5 Is-Sindku qal li lura fi snin kien il-Kunsill li talab traffic managment fi Triq tal-Gruwa fil-cross roads għal Triq tal-Lewz u Triq Mġarr ix-Xini u Transport Malta ma kienx qabel f'kollox miegħu. Is-Sindku qal li reġa qed jinħass il-bżonn li għandu jerġa jiġi propost traffic management ġdid. Il-Kunsill għandu jqabbad il-Perit biex eventwalment tiġi mogħddija lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

50.4.6 Is-Sindku qal li rigward it-talba għat-twessiħ ta' Triq ix-Xewkija, is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit talab liema parti mit-triq għandha titwessa għalhekk talab laqgħa fuq il-post. Il-Kunsill għandu jindikalhu dan.

50.4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabru kwotazzjonijiet għal CCTV's cameras fil-Ġnien tal-Bidwi, liema sistema hija mitluba mir-residenti ta' dawk in-naħat, speċjalment fl-aħħar ġimgħat fejn ġie rrapurtat xi serq fil-lokalita. Ta' min jgħid li l-Kunsill ilhu jfittex għal dawn l-aħħar żmien biex isib kuntratturi li jipprovdu materjal u nstallazzjoni ta' dawn il-cameras tas-sigurta. Żewg kumpaniji bagħtu l-kwotazzjoni tagħhom għas-servizz ta' CCTV u għalhekk il-Kunsill se jitkellem mal-pulizija biex jaraw liema sistema hija l-aktar effiċjenti.

50.4.8 Is-Sindku qal li mportanti li l-Kunsill ikollu visa card, għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara x'jista jsir u x'tippermeti l-liġi.

50.4.9 Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser jitpoġġa t-totem tal-wirja On the Road. Hu ssuġerixxa li l-aħjar post huwa fejn il-mappa tal-lokalita' u jinqelgħu żewġ arbli minn posthom. Id-dawl meħtieħ jista' jingħata mil-Kalkara tal-Ġir jew mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Dan it-totem se jdum madwar xahar esebit.

50.4.10 Is-Sindku qal li l-bieraħ ġew imnedija skema w espressjoni ta' interess mid-Divisjoni għall-Gvern Lokali dawn huma:
Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 (85% mid-DLG u 15 % mill-Kunsill)
Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex
Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023. Iktar informazzjoni se tingħata fil-laqgħa li ġejja għax din l-espressjoni ta' interess ħarġet il-bieraħ. Il-Kunsill Lokali għandu jara x'jista japplika minn dawn l-iskemi.

50.4.11 Is-Sindku qal li l-playing field fi Triq Marziena wasal iż-zmien li jinbidel l-apparat f'dan is-sit, għax l-equipment preżentement qiegħed fi stat ħażin konsegwenza ta' periklu eżistenti. Ġie diskuss ukoll li għandha jsir grada biex il-playing field jingħalaq bil-lejl, speċjalment għal-fatt li qed jiġi rrapurtat xi illeċitajiet f'dan il-post tard filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill biex jara minn fejn jista jġib il-fondi għal dan.

50.4.12 Is-Sindku ukoll stqarr li llum sab Kumpanija barranija li timmanifattura trakkijiet elettriċi, pero interessata li titfa l-espressjoni ta' interess għax-xiri ta' trakk elettriku. Transport Malta tagħti 'grant' ta' €11.000 kif ukoll il-flus mir-Reġjun Għawdex li jammonta għal madwar €15.000. Barra minn hekk baqa' xi flus mil-fondi li rċieva l-Kunsill meta xtara l-van elettrika. Il-Kunsill se jesplora jistgħux jintużaw dawn il-fondi li baqa biex jintużaw għax xiri ta' dan it-trakk elettriku. Il-Kunsilliera qablu unanimamanet.

## 50.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

50.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

50.5.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa fuq ir-roundabout tad-daħla Ta' Sannat, fejn is-Sindku qal li xhin jitlesta l-proġett tal-pjazza, ikun jista jsir ix-xogħlijiet meħtieġa fuq din ir-'roundabout' li jinkludu żebgħa, bdil ta' bollards u sinjali tat-traffiku.

## 50.6 Komunikazzjoni

50.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 3/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permessi mill-Kunsilli Lokali – Sistema ta' applikazzjoni *Fast Track.* Kull permess li ma jiġiex 48 siegħa qabel hemm charge ta' €30.
Ċirkulari Numru 4/2023 – Proġett ta' *School Grannies*
Ċirkulari Numru 5/2023 – Linji Gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart Domestiku.

50.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
14 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/017 – S.A.F.E Prevention training programmes for workplaces 12/04/2023 & 14/04/2023
21 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/018 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-'Earth Hour' 2023. Il-Kunsill qabel li peress li bħalissa l-Pjazza hija magħluqa u għaddej ix-xogħlijiet, il-Kunsill ma jistax jipparteċipa f'din l-inizzjativa biex jintefa xi dawl fil-lokalita'.

21 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/019 – Communication from Enemalta – Street Lighting Demarcation Boxes
23 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/020 – Meetings and Minute-Taking Course 09/03/2023 li se jsir f'Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jattendi għal dan il-kors.
03 ta' Marzu 2023 – Cir AKL 2023/021 – European Green Capital Award – Help us spread the word
03 ta' Marzu 2023 – RE: Meetings and Minute-Taking Course in Gozo
06 ta' Marzu 2023 – Cir AKL 2023/022 – LESA – LES Penalty Points Declaration Forms
13 ta Marzu 2023 – Cir AKL 2023/16 – Times of Malta Business Breakfast – Introduction to ESG (environment, social and government). Is-Sindku qal li min jixtieq jattendi hu nkoraġġiet li jmur.

50.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
14 ta' Frar 2023 – FW: Rivista Il-Ħajja f'Għawdex: Abbonamenti Kunsilli Lokali 2023
14 ta' Frar 2023 – FW: SPECIAL OFFER TO GOZITAN LOCAL COUNCILS fuq xi publikazzjoni ta' kotba fuq l-ismijiet ta' postijiet f'Għawdex.
15 ta' Frar 2023 – ATTN: REMINDER re. The Community Greening Grant by Project Green – Deadline for Applications: Tuesday, 28/02/2023
Ir-Reġjun Għawdex bagħat invit għall-Laqgħa Nru 115 li saret nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar fis-6.00 pm.
06 ta' Marzu 2023 – ATTN: Social Media Workshops by the GAGF – Deadline to Register: Today, 6th March 2023 (Close of Business). Is-Sindku se jattendi.
07 ta' Marzu 2023 – FW: Liveability and Wellbeing project – request to contact participants
08 ta' Marzu 2023 – ATTN: Valutazzjoni Strateġika fuq l-Ambjent (SEA)

## 50.7 Evalwazzjoni w Aġġudikazzjoni ta' Offerti SNTLC01/2023, SNTLC02/2023, SNTLC 03/2023, SNTLC04/2023

50.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta SNTLC 01/2022 għar-restawr tal-Kalkara tal-Gir fi Triq Sannat minn fondi tal-LESA kien hemm 5 offerenti u l-irħas waħda hi dik ta' Gatt Tarmac Ltd għal prezz ta' €27,679.36 mingħar il-VAT u li din l-offerta kienet l-irħas u konformi ma' l-espressjoni ta' interess miġbura fl-offerta. Il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lil dan il-Kuntrattur.

50.7.2 Is-Sindku qal li dwar l-offerta SNLC 02/2022 għal-eletrical works, Airconditioning and Audio System il-bord talab klarifikazzjoni lill-erba offerenti li xeħtu din l-offerta.

50.7.3 Is-Sindku qal li dwar l-offerta SNTLC 03/2023 għall-refurbishment of Saint Margaret Band Club, din l-offerta kien hemm offerent wieħed li bgħat offerta fuq parti waħda biss ta din l-offerta u li din il-parti kienet overbudget. Is-Sindku qal li hu tal-fehma li din l-offerta terġa toħroġ. Il-Kunsill qabel ma dan.

50.7.4 Is-Sindku qal li l-offerta SNTLC 04/2023 għal xiri ta' siġġijiet għas-sala tal-każin tal-banda l-Kunsill għandu jaħtar bord għal din il-kwotazzjoni. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku bħala Chairperson lill-Kunsillier Bajada, l-Kunsillier Tewma u lill-Inġinier Cordina bħala membri u lis-Segretarju Eżekuttiv segretarju tal-bord.

## 50.8 Attivitajiet marbuta ma' l-Għid, Jum Sannat, Wine Festival

50.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bl-attivitajiet tal-Għid li ġew diskussi fil-laqgħat preċedenti. Dawn jinkludu fl-1 ta' April se jsir Easter Market mis-6.00p.m. l-quddiem f'parti minn Triq l-Isqof David Cocco Palmeri.
Għannej Għannej nhar il-Ħadd 2 ta' April 2023 fi Pjazzetta tax-Xelina bejn l-10 a.m. u nofsinhar. Qabel ma jibda l-għana li se jiġu mistiedna ukoll l-Għaqda Ta' Seguna Folk minn Sannat biex jiftħu din l-attivita.
Nhar il-Ħadd 2 ta' April d-dramm Ġrajjietna fi Triq il-Gruwa li se jibda fl-4.00 p.m.

50.8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ibbenefika minn ħdan il-MGOZ Kultura €8000 għal dramm Ġrajjietna, €2,500 għal l-okkazzjoni ta' Jum Sannat, kif ukoll ibbenifika €10,000 għal l-attivita' organizzata mill-kunsill tal-'Wine Festival'.

## 50.9 Laqgħa Annwali Pubblika

50.9.1 Is-Sindku qal li kif stipulat bil-liġi tal-Gvern Lokali huwa fl-obbligu ta' kull Kunsill li jsejjaħ laqgħa pubblika sal-15 ta' April. Għalhekk il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 11 ta' April 2023, fl-4.30 p.m., fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv.

## 50.10 Ilmenti u Suġġerimenti

50.10.1 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* sabiex tiġi mibdula bankina fi Triq Skerla peress li din hija kollha mkissra, tiżloq u perikoluża. Din meta kienet qed issir it-triq intlaqtet u qatt ma ġiet imsewwija.

50.10.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward skart u kaxxi tal-kartun mgħormija fi Triq Saguna. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu li r-residenti ta' dawk l-inħawi ma rraputawx dan il-każ aktar qabel.

50.10.3 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ dwar fanali mkissra fi Triq 28 ta' April 1688. Bħala kunsill huwa konxju ta' dawn il-bżonnijiet hu għalhekk se jara minn fejn jista jibbenifa l-fondi meħtieġa.

50.10.4 B'referenza għall-ilment numru 12/2023, diversi residenti talbu li ssir bozza ġdida fi Triq Ta' Saguna. Fi triq Saguna ukoll fejn nbnew l-appartamenti ġodda u qegħda 'dead end', qed jipparkjaw karozzi u konsegwentement qed ikun hemm diffikuta biex joħorgu. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jridu jitwaħħlu tabelli meħtieġa.

50.10.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward toilet mgħormi fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan inġabar u ttieħed il-WasteServ mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

50.10.6 Il-Kunsill irċieva żewġ rapporti mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ datati 19.02.2023 u 08.03.2023, rigward ħofor fondi u perikolużi fi Triq Gruwa. Se jsir spezzjoni biex jaraw din il-ħofra kinitx irranġata diġa jew le biex fil-każ ssir talba lill-MGOZ permezz tal-works request system.

50.10.7 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-ERA rigward rimi ta' skart fi Triq Xagħman. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa bagħat ritratti ta' kif inhi din l-propjeta bħalissa u li minn kif jidhru mir-ritratti ma hemmx rimi ta' skart illegali u li din hija proprjeta privata u m'għandix x'taqsam mall-Kunsill Lokali.

50.10.8 B'referenza għall-ilment numru 13/2023, resident qed jitlob li jsir 1 meter *double yellow lines* fuq kull naħa tad-*drive-in* tal-entratura tal-garaxxijiet fi Triq il-Falkun, dan peress li qed isibu diffikulta biex jidħlu u joħorġu bil-vetturi minħabba l-karozzi pparkjati. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Transport Malta għal l-approvazzjoni minn naħa tagħhom.

50.10.9 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti rigward skart ta' kostruzzjoni mgħormi quddiem binja ġdida fi Triq Xagħman. Is-Segretajru Eżekuttiv qal li hu nforma lis-sid ta din il-binja dwar dan u li dan tneħħa pero s-Sindku qal li xorta baqa' x'jitnaddaf minn dan is-sit.

50.10.10 Il-Kunsillier Tewma qal li kellmuh żewġ bdiewa li ssuġerew li jsir trinka ta' erba pulżieri kwadri fid-daħla ta' Triq iċ-Ċnus biex jinġabar l-ilma tax-xita u jiġi miġbur ġo bir fl-akkwati u b'hekk ikun jista jiġi użat għat-tisqija. Is-Sindku qal li se jkellmu lill-perit biex jagħti s-suġġeriment tiegħu.

## 50.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2023

50.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 50.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

50.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.22 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' April 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 11 ta' April, 2023

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |